MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR MALTA

## GUDIKATUR DR. BONNICI JOSEPH

Seduta tal-31 ta' Ottubru, 2002

Talba Numru. 111/2001/1

**Mr Victor Camilleri**

**vs**

**Mark's Holdings Limited**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tas-socjeta' konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' Lm250.00c (mitejn u hamsin lira Maltin) rapprezentanti drittijiet professjonali rezi in konnessjoni ma' xoghol ta' accountancy.

Ra r-risposta tas-socjeta' konvenuta fejn eccepiet:

Illi l-azzjoni ntavolata mill-attur hija tempestiva u dana stante illi l-attur qatt ma nterpella lis-socjeta' konvenuta ghal hlas tad-debitu pretiz.

Illi l-azzjoni tal-attur hija preskritta ai terminu tal-artikolu 2149 (c) tal-kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi t-talba tal-attur hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u dana stante illi s-socjeta' konvenuta ma ghandha taghti xejn lill-attur.

Salv eccezzjonijiet ohra permessi mill-ligi.

Sema' x-xhieda w ezamina d-dokumenti.

Ikkonsidera

Illi t-Tribunal ma jistax ma jikkumplimentax ruhu mal-partijiet ghan-noti ta' osservazzjonijiet prezentati minnhom rispettivament.  Dawn iffacilitaw ix-xoghol tat-Tribunal sabiex jasal ghad-decizjoni tieghu.

L-eccezzjoni tal-preskrizzjoni hija tip ta' eccezzjoni li tista tinghata fi kwalunkwe stadju, anki f'dak l-appell.  Dwar din l-eccezzjoni tezisti patafjum ta' sentenzi.  S-socjeta' konvenuta ghazlet li taghtiha a limine litis.  Dina hija ntiza biex testingwi l-azzjoni attrici, ossia l-azzjoni debita u mhux id-dritt attrici o meno, u ghandha tigi nterpretata rispettivament.  L-Art 2149 (c) tal-Kap 16 jistipula perjodu ta' sentejn biex persuna professjonali jagixxi ghad-drittijiet tieghu.  Mhux kontestat li l-attur esegwixxa l-inkarigu tieghu f'Ottubru 1998.  Ma giet prezentata l-ebda att gjudizzarju oltre l-avviz odjern f'Marzu, 2001.

Ma kien hemm xejn li jindika mill-lat ta' sospensjoni – huwa kaz ta' interuzzjoni.  Din hija stabbilita fl-Art, 2127 sa 2136.

L-interuzzjoni ssehh tramite att gjudizzjarju (li ma sarx), pagament akkont (lanqas ma sar) jew rikonoxximent tad-debitu.  Dan jista jkun tacitu jew espress.  Ex admissis is-socjeta' konvenuta taf li mhux imhallas ghax kieku kienet tallega l-pagament.  L-auditur il-gdid li ha post l-attur Carmelo Sciriha – stqarr li jaf li kien ghadhom ma thallsux ghax kieku kien jirrizulta mit-talba.  Del resto, jirrizulta bil-kontra billi in vista tal-kawza odjerna, dawn kienu

ghadhom ma nqatghux mill-kotba. Fit-termini tal-accountancy u kotba, kull 'claim' tibqa' tidher sakemm tigi rizolta anki f'termini legali lid-dekorrenza tal-preskrizzjoni.

Jirrizulta mix-xhieda tal-attur sia wahdu kif ukoll fil-presenza ta' Noel Muscat illi Mark Calleja bhala Direttur, kien jaf li l-ammont ghadu dovut gie mnaqqas minn erba' mija u sittin lira Maltin (Lm460) ghal mitejn u hamsin lira Maltin (Lm250) minhabba l-kompetenza tat-Tribunal. Qed jirrifjuta li jhallas in vista tal-pendenza li kellu mal-VAT Dept.

Mark Calleja llimita ruhu fuq il-gurament decisorio. Ma waqqa bl-ebda mod u manjiera x-xhieda prodotta mill-attur.

Din ix-xhieda hija konvincenti bizzejjed li nterrompiet l-istess preskrizzjoni eccepita mis-socjeta' konvenuta.

It-Tribunal jiddeciedi billi jichad l-eccezzjoni tal-konvenut dwar il-preskrizzjoni u tordna l-prosegwiment tal-kawza, spejjez ghall-istess socjeta' konvenuta.

**Dr Joseph P Bonnici**
**Gudikatur**